*ĦAL TARXIEN LOCAL COUNCIL*
*73, ST. MARY STREET*
*TARXIEN. TXN 1704*
*Tel 00356 21666688 - Fax 00356 21666777 - email :- tarxien.lc@gov.mt*

Kunsill Lokali – Ħal Tarxien – Local Council

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Tarxien

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 11

IL-Tlieta 11 ta' Frar 2020

Il-Kunsilli Lokali Ħal Tarxien iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 73, Triq Santa Marija, Ħal Tarxien TXN1704, fis- 6:30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Joseph Abela Galea - Sindku
Darlene Vella Zammit – Vici Sindku
Neil Portelli - Kunsillier
Thomas Debattista - Kunsillier
Christian Pace - Kunsillier
Ishmael Dalli – Kunsillier
Anabelle Marmara' – Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Emma Vella – Segretarju Eżekuttiv

| | |
|---|---|
| **11.1** | **Qari ta' ittri ta' apoloġiji** |
| 11.1.1 | Ma kienx hemm. |
| **11.2** | **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti** |
| 11.2.1 | Kopja tal-Minuti tas-Seduta preċedenti nnumerata 10 kienet tqassmet lill-Kunsilliera qabel il-laqgħa u għaldaqstant il-minuti ttieħdu bħala moqrija. |
| 11.2.2 | Is- Sur Christian Pace ppropona u s-Sa Darlene Vella Zammit ssekondat il-minuti tas-Seduta numru 10 u ġew approvati b'votazzjoni unanima fost dawk preżenti. |
| **11.3** | **Komunikazzjoni mis-Sindku** |
| 11.3.1 | Is-Sindku nfroma lill-Kunsilliera l-ispiza tar-rilokazzjoni tal-*bus shelter* ta' Triq il-Knisja giet imhalsa mill-kuntrattur concernat. Is-Sindku gibed l-attenzjoni fir-rigward ta' binja ohra li li tiela fi Triq il-Palma fejn hemm *Bus Shelter* iehor fil-vicinanzi li probabbli irid jigi rilokat ukoll, ghaldaqstant talab lill-kunsillier responsabbli jiehdu hsieb dan. |
| 11.3.2 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li r-*road markings* ta' Triq is-Sorijiet se jsiru minn Transport Malta u se jistaqsi ghall-gwida f'dan ir-rigward. |
| 11.3.3 | Is-Sindku nforma lil-Kunsilliera li rigward il-*bollards* ta' Triq Marjanu Gerada kien kellem lis-sid u se jiehu hsieba hu stess. |
| 11.3.4 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li l-Gazibo ta' fejn it-tempji se tkun qed tintuza bhala ufficju tat-Turizmu u minn hemm se jitqassmu *flyers* lit-turisti u se tinaghta l-informazzjoni necessarja dwar tempji u postijiet storici. |
| 11.3.5 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li gab l-approvazzjoni bil-miktub sabiex il-monument fi gnien Mark Farrugia jigi rilokat f'post aktar centrali. |
| 11.3.6 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera prezenti li l-harga ta' *Easter Sunday lunch* ghar-residenti se tinzamm nhar it-12 ta' April 2020 f'nofs inhar. |
| 11.3.7 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera prezenti li flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv kien qed jahdem fuq il-progett tan-Norway Grants. |



*MAYOR – JOSEPH ABELA GALEA • DEPUTY MAYOR – DARLENE VELLA ZAMMIT*
*COUNCILLORS – NEIL PORTELLI, THOMAS DEBATTISTA, CHRISTIAN PACE, ISMAEL DALLI, ANABELLE MARMARA*
*EXECUTIVE SECRETARY – EMMA VELLA*

| | |
|---|---|
| 11.3.8 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li r-*road markings* ta' fejn l-ghassa iridu jitrangaw u l-Vici Sindku se tiehu hsieb li tikkomunika ma' Transport Malta ghal gwida. |
| 11.3.9 | Is-Sindku staqsa lill-Kunsillier Christian Pace jekk saritx il-laqgha tal-ghaqdiet. Is-Sur Christian Pace wiegeb li l-laqgha se ssir nhar il-Hamis 13 ta' Frar 2020. |
| 11.3.10 | Is- Sindku informa lill-Kunsilliera prezenti li qabel ma tinzamm attivita' u jinhareg *poster* trid tigi diskussa u mresqa waqt laqgha tal-Kunsill. |
| ***Il-hin huwa t-8.00 ta' filghaxija u l-laqgha giet sospiza sabiex il-Kunsill jiddiskuti materja mportanti.*** | |
| ***Il-hin huwa d-8.40 ta' filghaxija u l-laqgha tkompliet.*** | |
| **11.4** | **Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera** |
| 11.4.1 | Ma kienx hemm. |
| **11.5** | **Rapporti** |
| 11.5.1 | - Is- Segretarju Ezekuttiv prezenta r-raba' *Quarterly Financial Report* ghas-sena 2019 u talab ghall-approvazzjoni tal-Kunsill. Wara diskussjoni libera u vot unanimu bejn il-Kunsilliera prezenti *Quarterly Financial Report* gie approvat.<br><br>- Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsill li peress li t-*Tenders* li hareg il-Kunsill ta' qabel ma kienux infethu u z-zmien stipulat sabiex jinfethu kien ghadda kien qed isir xoghol sabiex jitkompla l-process tat-*Tenders* il-godda. Sa Emma Vella infurmat lill-Kunsill li l-*bidders* tat-*Tenders* li hareg il-Kunsill precedenti kienu se jigu nfurmati.<br><br>- Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsill li t-*Tender* tal-*Accountants* se jigi ppublikat fuq il-gazzetta tal-Gvern nhar il-Gimgha 14 ta' Frar 2020, filwaqt li t-*Tender* tal-*Contracts Manager* kien intbghat lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali ghall-approvazzjoni tieghu qabel ma jigi ppublikat.<br><br>- Permezz ta' Cirkulari numru *SPI* 1/2020 datata 31 ta' Jannar 2020 mingħand Id-Dipartiment tal Gvern Lokali l-Kunsill gie nfurmat bil-Korsijiet tal-Lifelong Learning 2020-2021. Wara diskussjoni libera u vot unanimu bejn il-Kunsilliera gie deciz li l-Kunsill ghandu japplika sena ohra jekk dejjem jigi accettat il-progett tar-*Reach Out Centre,* ghar-raguni li temporanjament ma ghandux post fejn jista' joffri dawn il-korsijiet. |

| | |
|---|---|
| | - Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera prezenti li kien hemm bzonn li jinhatar ufficjal fi skala 11 u dan sabiex jigi mahtur ukoll Deputat Segretarju Ezekuttiv. Wara diskussjoni libera u vot unanimu bejn il-Kunsilliera gie deciz li l-ewwel tohrog il-vakanza ta' skala 11 internamemt fil-kunsill.<br><br>- Is- Segretarju Ezekuttiv nforma lill-Kunsill li skond ir-riforma l-gdida tal Gvern Lokali kull Kunsillier ghandu jissotometti rapport amministrattiv tax-xoghol li jaqgha taht ir-responsabiltajiet tieghu minn meta gie elett. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lill-Kunsilliera li r-rapport irid jitlesta ghax irid jigi prezentat qabel il-15 ta' April 2020 waqt il-laqgha annwali generali tal-pubbliku.<br><br>-Is-Segretarju Ezekuttiv nforma lill-Kunsilliera prezenti li r-*risk assesments* tal-*playing fields* tal-lokal kienu saru u gew sottomessi hekk kif gie mitlub fid-direttiva tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali nnumerata 7/2019. Is-Segretarju Ezekuttiv gibed l-attenzjoni li jridu jsiru xi xogholijiet zghar sabiex il-*playing fields* ikunu konformi u fi stat tajjeb kif titlob il-ligi.<br><br>-Is-Segretarju Ezekuttiv nforma lill-Kunsilliera li se jerga' jigi ffirmmat il-kuntratt tal-*organic waste* mal-Wasteserv sabiex il-Kunsill jibqgha jiehu *reimbursement*.<br><br>-Is-Segretarju Ezekuttiv staqsa lill-Kunsilliera jekk jaqblux li jinxtara s-*software* sabiex jinhadmu l-pagi. Wara diskussjoni libera gie deciz li s-*software* ghandu jinxtara.<br><br>- Permezz ta' korrispondenza minghand resident il-Kunsill gie nfurmat b'rikjesta sabiex isir *double yellow line* faccata tal-garaxx tieghu li jinsab fi Triq is-Sorijiet. Wara diskussjoni libera gie deciz li r-resident ghandu japplika ma' Transport Malta.<br><br>- Permezz ta' korrispondenza minghand l-iskola *Immaculate Conception* il-Kunsill gie nfurmat b'rikjest sabiex isiru *bulwarks* li jinqalghu quddiem il-bieb tal-emergenza ta' hrug fi Triq Carmel. Wara diskussjoni libera u vot unanimu bejn il-Kunsilliera prezenti gie deciz li *bulwarks* ma jigux installati u kellha ssir verifika ma' l-iskola jekk il-bieb tal-garaxx hux emergenza ta' hrug. |
| **11.6** | **Mozzjonijiet** |
| 11.6.1 | Ma kienx hemm. |

| | |
|---|---|
| **11.7** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskedi ta' pagamenti** |
| 11.7.1 | Is-Sindku poġġa fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali is-skeda ta' pagamenti (Skeda nru. 7/08) flimkien mal-lista ta' *petty cash* maħruġ matul ix-xahar ta' Jannar 2020 għall-approvazzjoni tal-Kunsill Lokali. |
| 11.7.2 | Fuq mozzjoni tas-Sur Neil Portelli ssekondata mis- Sur Christian Pace, l-Kunsill Lokali unanimament approva l-listi li huma annessi u li jifformaw parti minn dawn il-minuti. |
| **11.8** | **Approvazzjoni tal-Estimi Finanzjarji 2019** |
| 11.8.1 | - Is- Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsilliera prezenti li nhar iz-17 ta' Frar 2020 kien se jibda' l-*Financial Audit* ghas-sena finanzjarja 2019 ghaldaqstant talab ghall-approvazzjoni taghhom fir-rigward tal-Estimi Finanzjarji li jkopru Jannar 2019 sa Dicembru 2019. Wara diskussjoni libera u vot unanimu bejn il-Kunsilliera prezenti l- Estimi Finanzjarji gew approvati. |
| **11.9** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskedi ta' pagamenti** |
| 10.9.1 | Is-Sindku poġġa fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali is-skeda ta' pagamenti (Skeda nru. 7/08) flimkien mal-lista tal-Petty Cash ghax-xahra ta' Jannar għall-approvazzjoni. |
| 10.9.2 | Fuq mozzjoni tas-Sur Neil Portelli ssekondata mis- Sur Christian Pace, l-Kunsill Lokali unanimament approva l-lista li hi annessa u li tifforma parti minn dawn il-minuti. |
| **11.10** | **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss** |
| 11.10.1 | Is-Seduta tal-Kunsill Lokali ntemmet fl-10:05p.m. wara li giet ezawrita l-agenda u giet aggornata ghal nhar it-Tlieta 10 ta' Marzu 2020 fis-6:30p.m. |

Konfermati, illum 11 ta' Frar 2020.

**Joseh Abela Galea**
Sindku

**Emma Vella**
Segretarju Eżekuttiv



*MAYOR – JOSEPH ABELA GALEA • DEPUTY MAYOR – DARLENE VELLA ZAMMIT*
*COUNCILLORS – NEIL PORTELLI, THOMAS DEBATTISTA, CHRISTIAN PACE, ISMAEL DALLI, ANABELLE MARMARA*
*EXECUTIVE SECRETARY – EMMA VELLA*